DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1485

tas-7 ta' Settembru 2022

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) L-IPBC ddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, kien għalhekk meqjus bħala approvat sat-30 ta' Ġunju 2020 skont dak ir-Regolament soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2018, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-applikazzjoni")

(3) Fil-11 ta' April 2019, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni tad-Danimarka infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni għandha, fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tal-applikazzjoni, tevalwaha bis-sħiħ.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1969 ([3]), ippospontiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għall-31 ta' Diċembru 2022 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex tiġi eżaminata l-applikazzjoni.

(5) Fl-24 ta' Mejju 2022, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni ddewmet minħabba li huma meħtieġa studji addizzjonali biex jiġu vvalutati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għal organiżmi mhux fil-mira. L-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni talbet lill-applikant jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali għat-twettiq tal-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Din l-informazzjoni hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni sa Lulju 2023.

(6) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi trid tħejji u tippreżenta lill-Kummissjoni opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1969 tas-26 ta' Novembru 2019 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 (ĠU L 307, 28.11.2019, p. 45).

(7) Għaldaqstant, għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 x'aktarx li se tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex ikun jista' jsir l-eżami tal-applikazzjoni. Filwaqt li jitqies iż-żmien meħtieġ għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, għat-tħejjija u l-preżentazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tal-opinjoni tagħha, u għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Lulju 2025.

(8) Wara l-posponiment tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, l-IPBC jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-IPBC għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1969 hi posposta għall-31 ta' Lulju 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN